31979R1250

L 159/8 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 27.6.1979

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1250/79
tas-26 ta' Ġunju 1979
li jistabbilixxi imposti kontra is-sussidji fuq iż-żerriegħa

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2358/71 tas-26 ta' Ottubru 1971 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taż-żieragħ [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 234/79 [2], u partikolarment l-Artikolu 6(5) tiegħu,

Billi l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2358/71 jipprovdi li meta l-prezz liberu-fuq-il-fruntiera offrut, bl-addizzjoni tad-dazji doganali, għal tip ta' qamħirrun ibridu għaż-żriegħ u li ġej minn pajjiż li mhux membru, huwa anqas mill-prezz korrispondenti tar-riferenza, għandha tkun intaxxata imposta kontra is-sussidji fuq l-importazzjoni ta' l-ibridu minn dak il-pajjiż, suġġetta għall-obbligi li jirriżultaw mill-impenji taħt il-GATT; billi l-impost b'effett oppost huwa daqs id-differenza bejn il-prezz tar-riferenza u prezz liberu-fuq-il-fruntiera bl-addizzjoni tad-dazji doganali;

Billi l-prezzijiet tar-riferenza għas-sena tas-suq ta' l-1979/80 għall-qamħirrun ibridu għaż-żriegħ kienu stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1249/79 [3];

Billi l-prezzijiet liberi-fuq-il-fruntiera offruti għal kull pajjiż ta' provenjenza huma ddeterminati bl-użu ta' l-informazzjoni kollha relevanti disponibbli; billi t-tali informazzjoni relevanti hija definita fl-Artikolu 1(1), (2) u (3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1665/72 [4]; billi l-Artikolu 3 ta' l-istess Regolament jipprovdi li l-prezzijiet liberi-fuq-il-fruntiera offruti għal kull pajjiż ta' provenjenza għandhom ikunu ddeterminati mill-aktar opportunitajiet favorevoli tax-xiri għall-prodotti in kwistjoni ikkalkolati skond l-Artikoli 1 u 2 tar-Regolament; billi l-informazzjoni fuq l-offerti li m'għandhomx effett ekonomiku fis-suq partikolarment minħabba l-kwantitajiet insinifikanti li għalihom isiru m'għandhomx jittieħdu għall-iskop biex ikunu kkalkolati dawn il-prezzijiet;

Billi permezz ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 1665/72, aġġustament għandu jsir fil-każ ta' l-informazzjoni tal-prezz li jirrigwardja stadju ieħor apparti milli liberu-fuq-il-fruntiera tal-Komunità; billi permezz ta' l-Artikolu 4(2) ta' dak ir-Regolament, l-impost b'effett oppost għandu jkun emendat meta varjazzjoni sinifikanti fil-prezz liberu-fuq-il-fruntiera offrut huwa rrekordjat;

Billi, bħala riżultat ta' l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija qabel ta' l-informazzjoni bħalissa disponibbli għall-Kummissjoni, l-impost b'effett oppost dwar ċerti tipi ta' ibridi għandu jkun stabbilit fl-ammonti indikati fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

Billi, bħala konsegwenza, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 68/79 [5], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 962/79 [6], li stabbilixxa l-imposti kontra is-sussidji għall-perjodu preċedenti, għandu jkun imħassar;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taż-Żrieragħ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-imposti imposti kontra is-sussidji fuq iż-żrieragħ huma stabbiliti kif murija fl-Anness mehmuż.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KEE) Nru 68/79 huwa hawnhekk imħassar.

Artikolu 3

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Lulju 1979.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' Ġunju 1979.

Għall-Kummissjoni
Finn GUNDELACH
Viċi-President

---

[1] ĠU L 246, tal-5.11.1971, p. 1.
[2] ĠU L 34, tad-9.2.1979, p. 2.
[3] ĠU L 159, tas-27.6.1979, p. 6.
[4] ĠU L 175, tat-2.8.1972, p. 49.
[5] ĠU L 11, tas-17.1.1979, p. 5.
[6] ĠU L 121, tas-17.5.1979, p. 19.

ANNESS

Imposti kontra is-sussidji fuq il-qamħirrun ibridu għaż-żriegħ

(EKU/100kg)

Nru ta' l-intestatura tas-CCT	Deskrizzjoni	Ammont ta' l-impost b'effett oppost (1)	Pajjiż ta' l-oriġini
ex 10.05	Qamħirrun:		
	A. Ibridu għaż-żriegħ:		
	I. Ibridi doppji u ibridi ta' kwalita' prima	2,0	L-Awstrija
		5,0	L-Ungerija
		6,1	Il-USA
		11,1	Il-Jugoslavja
		13,7	Ir-Rumanija
		13,7	Pajjiżi oħra
	II. Ibridi bi tliet taħlitiet	6,4	L-Ungerija
		12,3	Il-USA
		21,3	Ir-Rumanija
		21,6	Il-Kanada
		21,6	Pajjiżi oħra (2)
	III. Ibridi singoli	3,3	Ir-Rumanija
		4,6	Il-Jugoslavja
		21,1	L-Ungerija
		30,3	Il-Kanada
		32,5	Il-USA
		32,5	Il-Pajjiżi oħra (3)

(1) L- imposti kontra is-sussidji ma jistgħux jeċċedu l-4 % tal-valur doganali.
(2) Bl-eċċezzjoni tal-Jugoslavja u l-Awstrija.
(3) Bl-eċċezzjoni ta' Spanja.